Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2024/2116(INI)

12.03.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-faċilitazzjoni u l-finanzjament tal-investimenti u tar-riformi biex tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea u l-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (ir-Rapport Draghi)
(2024/2116(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 10

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-faċilitazzjoni u l-finanzjament tal-investimenti u tar-riformi biex tingħata spinta lill-kompetittività Ewropea u l-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (ir-Rapport Draghi)
(2024/2116(INI))

The European Parliament,

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tat-18 ta' Lulju 2024 tal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen intitolata "Europe's choice: political guidelines for the next Commission 2024-2029 (L-Għażla Quddiem l-Ewropa: Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029).

– wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta' Settembru 2024 ta' Mario Draghi intitolat "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-Rapport Draghi),

– wara li kkunsidra r-rapport tas-17 ta' April 2024 ta' Enrico Letta intitolat "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta' April 2024 ta' Christian Noyer intitolat "Developing European capital markets to finance the future" (L-iżvilupp tas-swieq kapitali Ewropej għall-finanzjament tal-futur),

– wara li kkunsidra l-ittra tal-President von der Leyen dwar id-difiża lill-Kunsill Ewropew qabel il-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Marzu 2025,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025 dwar id-difiża Ewropea,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro f'format inklużiv dwar il-futur tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) tal-11 ta' Marzu 2024),

– wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali ta' livell għoli ta' Mejju 2024 għal segwitu għad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro dwar il-futur tas-CMU f'format inklużiv tal-Grupp tal-Euro,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol tal-25 ta' April 2024 intitolata "How European insurers and pension funds can contribute to further strengthen the Capital Markets Union" (Kif l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjonijiet Ewropej jistgħu jikkontribwixxu biex ikomplu jsaħħu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' pożizzjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ta' Mejju 2024 intitolat "Building more effective and attractive capital markets in the EU" (Nibnu swieq kapitali aktar effettivi u attraenti fl-UE),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Marzu 2024 dwar l-avvanz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar żvilupp ulterjuri tas-CMU: titjib tal-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali, b'mod partikolari mill-SMEs, u faċilitazzjoni akbar tal-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),

A. billi r-Rapport Draghi identifika li huwa meħtieġ minimu ta' EUR 750 sa 800 biljun ta' investiment annwali addizzjonali biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-objettivi ambjentali u soċjali tal-UE;

B. billi l-pjan ReArm Europe jikkonsisti f'ħames pilastri mmirati lejn il-finanzjament tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa, u jkopri kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll l-unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti;

C. billi storikament fl-Ewropa s-settur privat ikkontribwixxa madwar erbgħa minn kull ħamsa tal-investimenti produttivi, fejn is-settur pubbliku kkontribwixxa l-bqija[3];

D. billi skont ir-Rapport Draghi, it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi tal-UE fl-2022 kien EUR 1 390 biljun meta mqabbel ma' EUR 840 biljun fl-Istati Uniti;

E. billi l-unitajiet domestiċi tal-UE faddlu 14,79 % tal-introjtu disponibbli tagħhom u ċ-ċittadini tal-UE kellhom 31,01 % tat-tfaddil tagħhom (EUR 11,63 triljun) f'munita u depożiti, li joffru redditi limitati; billi kellhom 36 % (EUR 13,42 triljun) f'ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment u 27 % (EUR 10,06 triljun) f'assigurazzjoni, pensjonijiet u garanziji standardizzati[4];

F. billi skont ir-Rapport Draghi, bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-"unicorns" – negozji ġodda li komplew jiġu vvalutati aktar minn USD 1 biljun – irrilokaw il-kwartieri ġenerali tagħhom barra mill-pajjiż, prinċipalment lejn l-Istati Uniti;

G. billi l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ammonta għal 2,1 % tal-PDG fl-UE fl-2021, iżda 3,5 % fl-Istati Uniti u 2,4 % fiċ-Ċina, filwaqt li l-istrateġija ta' Lisbona tal-2000 stabbiliet objettiv ta' nfiq għar-riċerka u l-iżvilupp ta' 3 %;

---

[1] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 89.
[2] ĠU C 265, 11.8.2017, p. 76.
[3] Draghi, The future of European competitiveness – Part A – A competitiveness strategy for Europe (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Parti A | Strateġija ta' kompetittività għall-Ewropa), 2024.
[4] Eurostat, Financial flows and stocks, 2023 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/NASA_10_F_BS__custom_13650774/default/table?lang=en.

Nibnu viżjoni kondiviża għall-produttività tal-Ewropa u l-ħtieġa għal tkabbir sostenibbli

1. Jappella għal mobilizzazzjoni ġenerali tar-riżorsi finanzjarji u l-istrumenti disponibbli kollha biex jissaħħu s-sigurtà u s-sovranità industrijali u teknoloġika tal-UE, tiġi sostnuta t-tranżizzjoni ekoloġika, jinħolqu impjiegi ta' kwalità u jingħata kontribut għal konverġenza soċjali 'l fuq, f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika u tensjonijiet internazzjonali;

2. Jilqa' d-dibattitu mġedded dwar il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-produttività tal-UE, mogħtija spinta mir-Rapport Draghi u mir-Rapport Letta;

3. Jirrikonoxxi dawn ir-rapporti bħala sejħa ta' twissija għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali, kif ukoll punt tat-tluq għal azzjoni biex jitrawmu kemm l-investimenti privati kif ukoll dawk pubbliċi;

4. Jiddispjaċih għall-fatt li ħafna intraprendituri bbażati fl-UE jħossu l-ħtieġa li jirrilokaw biex jiksbu aċċess aktar faċli għall-finanzi u r-riżorsi; jiddeplora l-fatt li dawn jirrikorru għal fornituri ta' kapital ta' riskju barra mill-UE u jespandu fis-swieq barranin;

5. Jenfasizza li r-riżorsi pubbliċi għandhom ikunu ffukati fuq l-objettiv li jiżguraw is-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà tas-servizzi u l-infrastruttura pubbliċi, filwaqt li jiġi katalizzat l-investiment privat f'industriji innovattivi u nodfa taħt kundizzjonijiet definiti sew;

Nimmobilizzaw l-investiment privat u niffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi

6. Jemmen li l-attraenza tas-swieq kapitali tal-UE se tiżdied permezz ta' integrazzjoni ulterjuri tas-suq intern tagħha u l-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi għal investimenti privati, li jippermettu redditi ogħla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex irawmu l-ħolqien ta' suq kapitali fl-UE kollha li jkollu daqs, likwidità, profondità u trasparenza suffiċjenti biex jattira kemm investituri bbażati fl-UE kif ukoll internazzjonali;

7. Jappoġġja l-integrazzjoni tal-oqfsa istituzzjonali u l-istrutturi tas-suq; itenni t-talba tiegħu li l-ESMA tingħata setgħat superviżorji diretti fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti biex l-attivitajiet ta' kklerjar jiġu rimpatrijati b'mod xieraq lejn l-UE;

9. Jinnota li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi tista' ttejjeb l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni ta' investiment; iqis li l-allinjament tal-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri għandu jkun parti mill-aġenda ta' simplifikazzjoni biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntiera; jistieden lill-Kummissjoni tistrieħ aktar fuq regolamenti aktar milli fuq direttivi, u b'hekk tillimita d-diskrezzjoni nazzjonali li tista' twassal għal frammentazzjoni;

10. Jibqa' impenjat għall-objettivi tal-qafas ta' finanzjament sostenibbli biex jiġu mobilizzati l-investimenti fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa;

11. Jemmen li l-kumpaniji innovattivi jistgħu jibbenefikaw minn sett uniku ta' regoli għall-UE kollha; ifakkar f'dak ir-rigward fil-proposta "Business in Europe: Framework for Income Taxation" (L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu) li tistabbilixxi sett uniku ta' regoli biex jiġu kkalkulati l-bażijiet tat-taxxa korporattiva tal-kumpaniji;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti mmirati lejn il-ħolqien ta' strumenti li jgħinu biex it-tfaddil domestiku jiġi dirett lejn investimenti produttivi; jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-idea li jinħoloq kont ta' tfaddil ta' investiment tal-UE jew tikketta fil-livell tal-UE għal prodotti ta' investiment sempliċi adatti għall-investituri fil-livell tal-konsumatur abbażi ta' kriterji jew karatteristiċi komuni bħal sempliċità tal-prodott, kostijiet baxxi, allokazzjoni tal-assi u tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju; jitlob b'mod partikolari lill-Kummissjoni tivvaluta l-effiċjenza ta' tikketta għall-investimenti li jkunu sostenibbli u li jinsabu fl-UE;

13. Jistenna li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi lin-negozji ġodda u lill-kumpaniji li qed jikbru biex jespandu u jelenkaw ruħhom fl-UE; jappella, għalhekk, sabiex l-Istrateġija futura tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up tinkludi kapitolu dwar il-finanzi mmirat lejn il-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tagħhom lejn pajjiżi mhux tal-UE;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lil aġenda tas-CMU li ssostni l-istabbiltà finanzjarja, tiffavorixxi l-aċċess għal kapital ta' riskju u investiment ta' ekwità u tnaqqas id-dipendenza żejda fuq is-self mill-banek;

Insostnu l-investimenti pubbliċi biex titneħħa d-diskrepanza fil-produttività

15. Jemmen li l-urġenza tal-miżuri dwar id-difiża u d-dekarbonizzazzjoni tfisser li se jkun meħtieġ appoġġ pubbliku sostanzjali biex jiġi mobilizzat l-investiment privat;

16. Jibża' li l-investiment pubbliku se jonqos wara l-2026, meta l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mistennija tiskadi;

17. Ifakkar li emittenti Ewropej ħarġu assi sikuri fil-livell tal-UE, fosthom il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u, mill-1976, il-Komunità Ekonomika Ewropea u mbagħad l-UE nnifisha[5]; ifakkar li l-fond għall-irkupru NextGenerationEU huwa l-akbar pakkett ta' stimolu li qatt ġie ffinanzjat mill-UE biex jappoġġja l-irkupru ekonomiku u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali;

18. Jikkondividi l-valutazzjoni li l-ħruġ ta' assi sikur komuni, li għandu jintuża bħala parametru referenzjarju b'saħħtu, jiffaċilita b'mod sinifikanti l-kisba tas-CMU u jindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment identifikati fir-Rapport Draghi; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tivvaluta l-karatteristiċi tal-assi sikuri maħruġa fil-livell tal-UE u tippubblika rapport biex tipprovdi informazzjoni rigward id-disinn futur ta' assi sikur tal-UE;

[5] European Stability Mechanism Chief Financial Officer, "Developing European safe assets", *Intereconomics*, Diċembru 2023, https://www.esm.europa.eu/articles-and-op-eds/developing-european-safe-assets-article-intereconomics.

19. Jemmen li ħtiġijiet ta’ difiża akbar minħabba tensjonijiet ġeopolitiċi jeħtieġu mobilizzazzjoni immedjata ta’ appoġġ finanzjarju; jilqa’ l-proposta li jmiss tal-Kummissjoni għal strument finanzjarju ġdid sa EUR 150 biljun biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta’ difiża tal-UE bħala parti mill-pjan ReArm Europe; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu wkoll strument iddedikat fl-ambitu tal-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà;

20. Jinkoraġġixxi lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment jadatta l-politika ta’ self tiegħu biex jipprovdi appoġġ akbar għal investimenti b’riskju ogħla, l-aktar f’kumpaniji innovattivi u proġetti li jrawmu t-tranżizzjoni ekoloġika;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi unità tal-intelligence ekonomika biex tidentifika l-ħtiġijiet industrijali, in-nuqqasijiet u l-opportunitajiet tas-suq Ewropew u tippreżenta rakkomandazzjonijiet, inkluż dwar il-finanzjament, biex tindirizza dawn l-isfidi minn perspettiva tal-UE;

°

° °

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Ewropa qed tiffaċċja żewġ theddidiet eżistenzjali. L-ewwel waħda, dokumentata tajjeb f'diversi rapporti bħal dawk ta' Enrico Letta u Mario Draghi, hija r-riskju ta' tnaqqis ekonomiku u industrijali, li jwassal għall-għajbien gradwali tal-Unjoni Ewropea mix-xena ekonomika u ġeopolitika globali. It-tieni, li ħarġet fid-dieher brutalment bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, ir-ritorn tal-gwerra fil-kontinent Ewropew u r-riallinjament strateġiku tal-Istati Uniti, hija l-inabbiltà tal-Unjoni Ewropea li tiżgura l-awtonomija strateġika u d-difiża tagħha stess, biex tipproteġi lilha nnifisha minn theddid dejjem aktar imminenti fit-territorju tagħha. Din il-kriżi doppja ma hija xejn anqas minn test bla preċedent tal-kapaċità tal-Istati Membri li jinvestu b'mod kollettiv fil-futur tal-UE u s-sopravivenza tagħha. Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea issa jeħtiġilha tesplora modi kif terġa' tikseb spazju baġitarju għall-immanuvrar u timmobilizza l-kapital privat biex tinvesti mhux biss fil-livell nazzjonali iżda wkoll, u forsi l-aktar importanti, fil-livell Ewropew. L-UE jeħtiġilha ssib mod kif tiffinanzja l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha, mingħajr ma tikkomprommetti l-kapaċità tagħha li tinvesti fir-riindustrijalizzazzjoni ekoloġika u sostenibbli, f'teknoloġiji nodfa u ditti diġitali Ewropej u biex tħejji għall-futur billi tinvesti fl-edukazzjoni u r-riċerka. Ir-Rapport Draghi, li sar reċentement, identifika rekwiżit minimu ta' investiment addizzjonali annwali ta' EUR 750 sa 800 biljun biex tiġi restawrata l-produttività tal-UE u jintlaħqu l-għanijiet ambjentali u soċjali tagħha. Madankollu, ix-xenarju attwali tal-investiment fl-UE huwa frammentat, b'disparitajiet sinifikanti fl-aċċess għall-finanzi privati, b'mod partikolari għal kumpaniji innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir. Waħda mir-raġunijiet għaliex l-Unjoni Ewropea għadha lura meta mqabbla mal-kompetituri Ċiniżi u Amerikani tagħha hija d-diffikultà għan-negozji tagħha biex jiżguraw il-finanzjament, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jeħtieġu espansjoni biex jikbru. Fi kliem sempliċi, il-kumpaniji llum jilmentaw dwar in-nuqqas ta' domanda fit-tul u jappellaw għal stabbiltà regolatorja, rapidità u kapaċità ta' rispons mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipproteġuhom mill-kompetizzjoni kummerċjali inġusta, u, fl-aħħar nett, kuntratti fit-tul, inkluż permezz tal-akkwist pubbliku. L-Ewropa għandha ħafna punti ta' saħħa. Hija tibqa' waħda mill-aktar żoni ekonomiċi attraenti għall-investiment, b'kumpaniji innovattivi u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati. Madankollu, wieħed jista' jargumenta li l-Ewropa qed tgħix taħt il-mezzi tagħha, peress li s'issa naqset milli tgħammar lilha nnifisha bl-għodod u l-mekkaniżmi meħtieġa biex tikber skont l-ambizzjonijiet tagħha. L-indirizzar ta' din il-kriżi doppja, għalhekk, se jiddependi fuq il-kapaċità tagħha li tistabbilixxi dawn l-għodod. F'dan ir-rigward, it-tfaddil Ewropew jirrappreżenta mezzi finanzjarji konsiderevoli li l-Ewropa m'għandhiex tinjora, u ma tistax tinjora. Dan huwa aktar u aktar kruċjali peress li t-tfaddil taċ-ċittadini Ewropej spiss jispiċċa jiffinanzja fondi barranin, b'mod partikolari dawk Amerikani, li mbagħad jerġgħu jinvestu fl-Ewropa u jakkwistaw kumpaniji Ewropej. Il-mobilizzazzjoni tat-tfaddil taċ-ċittadini Ewropej hija għalhekk kwistjoni ta' sovranità politika, ekonomika u strateġika u se tkun kruċjali biex jitnaqqas id-distakk industrijali ma' ekonomiji ewlenin oħra. Madankollu, il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament privat waħedha mhux se tkun biżżejjed biex jiġu indirizzati l-isfidi kollha li l-UE jeħtieġ li tegħleb. Dan se jirrikjedi wkoll livell sinifikanti ta' investimenti pubbliċi, b'mod partikolari f'oqsma ta' riskju għoli bħad-difiża u d-dekarbonizzazzjoni. Dan l-abbozz ta' rapport jiddeskrivi sensiela ta' miżuri mmirati lejn l-indirizzar ta' dawn l-isfidi, lejn il-ħolqien ta' suq kapitali aktar integrat u effiċjenti fl-UE u lejn l-identifikazzjoni tar-rwol tas-settur pubbliku fl-ingranaġġ tal-investimenti.

Insaħħu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU): Il-mobilizzazzjoni akbar tal-finanzi privati teħtieġ passi differenti. Ir-rapport jappella għall-aċċellerazzjoni tal-aġenda tas-CMU, b'enfasi fuq it-titjib tal-aċċess għall-kapital ta' riskju u l-finanzjament tal-ekwità, b'mod partikolari

għall-kumpaniji innovattivi. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal armonizzazzjoni akbar tal-oqfsa regolatorji fl-Istati Membri kollha biex jiġi ffaċilitat l-investiment transfruntier u biex titnaqqas il-frammentazzjoni. Huwa jinsisti li jsir progress lejn superviżjoni armonizzata akbar u setgħat superviżorji diretti għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fuq l-infrastrutturi tas-suq pan-Ewropej. Ir-rapport jenfasizza l-importanza li jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi għall-investiment privat billi jiġu offruti redditi kompetittivi. Ir-rapport jinsisti li t-tfaddil tal-unitajiet domestiċi jiġi dirett lejn investimenti produttivi u jesplora l-ħolqien ta' kont jew tikketta ta' tfaddil ta' investiment tal-UE għal prodotti ta' investiment bażiċi u sempliċi li huma xierqa għall-investituri fil-livell tal-konsumatur. Dan jgħin biex it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi jiġi dirett lejn investimenti produttivi, b'mod partikolari f'setturi sostenibbli u innovattivi.

Rwol kruċjali għall-investimenti pubbliċi: Ir-rapport jirrikonoxxi l-ħtieġa għal appoġġ sostanzjali mis-settur pubbliku biex jiġi mobilizzat l-investiment privat, b'mod partikolari f'oqsma ta' riskju għoli bħad-difiża u d-dekarbonizzazzjoni. Huwa jappella għall-istabbiliment ta' strument iddedikat fi ħdan il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) biex jindirizza ħtiġijiet akbar ta' difiża u jirrakkomanda li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jadatta l-politika ta' self tiegħu biex jappoġġja investimenti b'riskju ogħla. Jenfasizza wkoll l-importanza li jinħareġ assi sikur komuni fil-livell tal-UE biex tiġi ffaċilitata l-kisba tas-CMU u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' investiment identifikati fir-Rapport Draghi. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tivvaluta d-diversi karatteristiċi tal-assi sikuri u tippubblika rapport li jiddeskrivi l-karatteristiċi komuni tagħhom. Fl-aħħar nett, ir-rapport jipproponi li tiġi stabbilita Unità Ewropea tal-Intelligence Ekonomika li tgħin biex il-ħtiġijiet industrijali jkunu konnessi mal-għodod finanzjarji. Ir-Rapporteur tistieden lill-partijiet ikkonċernati u lill-koleġiżlaturi kollha biex jaħdmu flimkien sabiex jimplimentaw dawn il-miżuri u jiżguraw li l-UE tkun f'pożizzjoni tajba biex tilqa' l-isfidi tas-seklu 21.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-Rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Professor Mario Draghi, author of the report "The future of European competitiveness"
Enrico Letta, author of the report "Much More Than A Market"
Christian Noyer, author of the report "Developing European capital markets to finance the future"
European Investment Bank Group, President
European Central Bank, Division EU Institutions and Fora
European Securities and Markets Authority
European Stability Mechanism
Finance Watch
Bureau Européen des Unions de Consommateurs Union Fédérale des Consommateurs - Que Choisir
European Federation of Investors and Financial Services Users (Better Finance)
Association of European Long-Term Investors
Fairshare Educational Foundation (ShareAction); Third Generation Environmentalism Ltd; WWF European Policy Programme
Reclaim Finance
Euronext
Euroclear
Deutsche Börse Group
InvestEurope
Blume Equity
Assicurazioni Generali S.p.A
Association for Financial Markets in Europe
Mouvement des Entreprises de France
European Sustainable Investment Forum
Digital Europe
CleanTech Europe
Verkor
European Trade Union Confederation
Deutscher Gewerkschaftsbund
Austrian Federal Chamber of Labour
Centre for European Policy Studies

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-Rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-Rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-

ipproċessar.